MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Numru. 654/2002

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
VS
GIANPAOLO CAPELLI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Gianpaolo Capelli ta' 59 sena, bien il-mejjet Luciano u Anna nee Bontiglioli imwieled Savignano sul Panaro, Modena, fit-28 t'Ottubru 1942 u li joqghod f'No 12, Hearis Crt., Flat 5, Triq L Graham, Sliema numru tal-karta tal-identita 22377A u passaport Taljan bin-numru 7759718 talli f'dawn il-gzejjer, bejn Lulju u Awissu ta' din is-sena approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, u cioe is-somma ta' aktar minn Lm8000 u Euros 5000 liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju u dan ghad-dannu ta' Astro Shop Ltd u persuni ohra, liema somma giet fdata

jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 u 294 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli sar ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell diversament preseduta, u datata 9 ta' Gunju 1998 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda ta' Spettur Abdilla jirrizulta illi huwa kien irceva telefonata mill-Manager tal-Bank of Valletta li urieh b'suspett li klijent  minn taghhom kien qieghed jaghmel frodi f'certu kumpanija  bl-isem ta' Astroshop Limited. fol 31).

Illi saret laqgha bejn l-ispettur Abdilla  u l-avukat tal-Bank Dr M Borg Costanzi, Dr Farrugia (Avukat tal-kumpanija Astroshop Limited)  u Hollier (Branch Manager, Lascaris). Illi sar maghruf illi  t-tlett kontijiet bankarji tal-kumpanija kellhom jkunu  ffirmati mill-imputat Capelli u minn Peters. Dr Farrugia qal lill-ispettur Abdilla li fi zjara tieghu f'Malta, Peters kien sab zewg transazzjonijiet li ghalih ma ghamlux sens u ghalhekk nizel ma Dr Farrugia il-Bank biex jiccekkjaw.

Irrizultalhom  illi sehhu is-segwenti  transazzjonijiet:
1. fit-2 t'Awissu 2002 gew trasferiti minn kont ta' Astroshop Limited is-somma ta' Lm5000 f'akkont personali ta' Capelli.
2. Illi fit-3 t'Awissu ingibdu 2512 Euros mill-imputat.
3. Fid-9 t'Awissu ingibdu 2512 Euros mill-imputat.

4. Fit-8 u d-9 t'Awissu 2002 kienu ingibdu Lm3000 ohra mill-sitess imputat.

Spettur Abdilla gie infurmat illi l-imputat kien hejja "encroachment" – u cioe speci ta' "overdraft facility" ghas-somma ta' Lm54 000 u li kien qieghed bhala garanzija ghal tali facilita l-akkonti bankarji tal-kumpanija Astroshop Ltd.

Illi dakinhar Spettur Abdilla ghalhekk kien interroga lil Capelli li rrilaxxa stqarrija bil-Taljan li giet esebita a fol 5 sa 8 tal-process li fiha l-imputat jiddikjara illi huwa kien l-unika persuna illi kellha l-awtorita u fakolta illi tmexxi u thallas l-obbligi mill-assi finanzjarji – tlett akkonti bankarji – tal-kumpanija Astro shop ghajr ghal direttur iehor Giorgio Visentini li kien jissostitwieh meta hu (Capelli) kien jkun imsiefer.

L-imputat stqarr illi kien vera illi huwa kien ghamel t-transazzjonijiet sabiex cirka Lm10,000 jigu trasferiti ghal kont tieghu izda dan kien ghamilha b'intenzjoni li jirritorna il-fondi f'qasir zmien.

Stqarr illi b'dawn il-flus huwa kien hallas xi djun li kellu fl-Italja u f'Malta.

Dr Reuben Farrugia kkonferma ix-xhieda ta' Spettur Abdilla, presenta u ikkonferma il-kwerela dok MB1 a fol 24.

Illi a fol 25 gie esebit kostituzzjoni ta' debitu li juri illi Giorgio Visentini, id-direttur tal-Holdings Company ta' Astroshop ghamel tajjeb ghal debitu ta' Capelli fit-22 t'Awissu 2002 (ara dok RF) u ghalhekk Dr Farrugia gie istruwiet biex jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Illi mix-xhieda ta' Craus Stefen Peters, Segretarju tal-kumpanija, jirrizulta illi li huwa flimkien ma Capelli kellhom il-poter jmexxu il-fondi tal-kumpanija ghaliex kienu t-tnejn firmatarji konguntі tal-akkonti bankarji tal-kumpanija.

Kkonferma illi sab hames transazzjonijiet li ghalihom ma kienx iffirma u ghalhekk cempel lill-avukat tal-kumpanija biex jsiru il-verifiki u gew skoperti li t-transazzjoni f’ammont totali ta’ Lm10,000 gew trasferiti f’akkont ta’ Capelli.

Xehed illi meta ra dan fehem illi ir-regoli ta’ tmexxija ta’ kumpanija kienu gew ivvjolati u ma dehrlux li kellu jkellem lil Capelli dwarhom. Jidher illi sa l-ahhar ta’ Gunju 2002 Capelli kellu l-fakolta li jitrasferixxi fondi tal-kumpanija f’kapacita unika.

Illi jirrizulta illi Peters ma awtorizzax jew iffirma it-transazzjonijiet li wettaq l-imputat.

Illi mistoqsi kienx jaf illi sa ftit qabel, l-imputat, bhala “sole director”, seta jigbed u jitrasferixxi fondi tal-kumpanija, Peters baqa jinsisti illi kien jehtieg zewg firem ghat-trasferiment ta’ fondi.

Hollier jikkonferma ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, ghal rigward tat-trasferimenti mill-akkonti ta’ Astroshop ghall-akkonti tal-imputat u esebixxa l-istatement bankarji relattivi .

A fol 66 Spettur Abdilla esebixxa sentenza dok IJA 3 u id-difiza a fol 92 esentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq xhieda ta’ l-identita.

Dr Reuben Farrugia in kontro ezami a fol 73 et seq, kkonferma illi huwa ma kellux rezoluzjoni tal-kumpanija, jew prokura sabiex jaghmel il-kwerela li inizjat din il-procedura.

Xhed illi “Majority Shareholding” kienet f’idejn Euromail Holding Limited (li fiha jirrizulta illi Giorgio Visentini kellu 50% shareholding) u “one shareholding” f’idejn Giorgio Visentini personalment.

Illi kien Peters illi istruwixxa lill-pulizija li jkomplu bir-rapport taghhom (fol 77).

Dr Farrugia ikkonferma illi ma kellux resoluzzjoni bil-mikutb biex jawtorizzah jmexxi fl-interess ta' Astroshop Limited, kellu pero l-awtorizzazzjoni ta' Company Secretary, firmatarju fuq l-akkonti tal-kumpanija, Craus Stefan Peters.. Dr Farrugia ikkonferma illi l-flus gew imhallsa min Giorgio Visentini stess.

Illi l-imputat a fol 90 tal-process xhed illi huwa kien direttur Generali ta' Astroshop Limited mill-1999 kif wkoll ta' zewg socjetajiet ohra appartenenti lil group ta' kumpaniji.

Xehed illi huwa kien responsabbli ghal tmexxija u treggija tal-affarijiet bankarji u finanzjarji u li din kienet responsabbilita unika liema responsabbilita unika damet hekk xi tlett snin. F'din il-kariga huwa kien jitrasferixxi u jinnegozja f'eluf kbar ta' liri u kellu l-fiducja piena tal-Holding Company sabiex per ezempju jitrasferixxi somom konsiderevoli bhal 1700 000 Euros f'kont Svizzeru.

Xehed illi fit-13 t'Awissu rceva telefonata min Dr Reuben Farrugia u mar il-bank u sab lil Peters li gia kellu f'idejh "statements" tal-kontijiet tal-bank tas-socjetajiet kollha, haga li qatt ma setghet ssir minhabba illi huwa seta jagixxi biss fil-materji li jikkoncernaw biss lis-socjeta Numeraus. – fol 96.

L-imputat xehed illi meta Giorgio Visentini sar jaf bil-kwerela sejjah meetings u f'temp ta' gimgha gew restitwieti l-flus fil-kont tal-kumpanija Astroshop u irtira l-kwerela. Dwar il-gbid tal-fondi l-imputat iddikjara is-segwenti:
"Jiena stajt naghmel - l-istatut jghid u l-Bord dejjem qal u stabbilixxa li d-diretturi setghu jaghmlu kull operazzjoni ta investiment, ta' spejjez, jew ta' rikav, sakemm fil-presentazzjoni tal-kontijiet annwali, ma jigux kkreati xi danni lis-socjetatijiet" – ara fol 99.

L-imputat sostna illi Giorgio Visentini qatt ma awtorizza lil hadd biex jaghmel il-kwerela odjerna.

In kontro ezami l-imputat mistoqsi jekk kellux permess biex jiehu flus ta' kumpanija ghal uzu personali, ddikjara li

ma kellux permess specifikat izda seta jaghmel kwalunkwe investiment sakemm ma jinkorriex danni ghas-socjeta.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti tibda biex tirrileva illi l-kwerela dwar dan il-kaz giet irtirata ftit gimghat wara li giet intavolata din il-kawza. Illi in oltre l-proceduri ma gewx ezawriti f'dan l-istadju sempliciment il-ghaliex f'din il-kawza seta kien hemm applikazzjoni tal-Art 294 tal-kap 9 u cioe' tmexxija tal-proceduri ex ufficcio stante li tali reat gie allegatament kommess minn persuna li qeghda fil-kummerc.

Illi r-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa regolat bl-Art 293 tal-kap 9 tilli jipprovdi:-
**Whosoever misapplies, converting to his own benefit or to the benefit of any other person, anything which has been entrusted or delivered to him under a title which implies an obligation to return such thing or to make use thereof for a specific purpose, shall be liable, on conviction, to imprisonment for a term not exceeding nine months;**
**Provided that no criminal proceedings, shall be instituted for such offence, except on the complaint of the injured party.**

Illi fil-gurisprudenza l-aktar ricenti ppronunzjata mill-Qorti tal-Appell Kriminali Malta (sentenza Qorti tal-Appell Kriminali Imh. STO Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D. Pulizija vs Borg Cole deciza fit-23 ta' Dicembru 2003) hemm spjegati is-segwenti:-

**"Kif spjega Luigi Majno (op.cit.supra):**
**Finalmente a costituire il delitto di appropriazione indebita e necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta, a scopo d'indebito profitto per se o per un terzo, il dolo sara constituito dalla volontarieta della conversione con scienza della sia illegittimita', e dal fine di lucro: onde colui ce si appropria o rifuita di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non**

**commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa raggione, e per difetto in oltre di elemento obiettivo, non incorrera in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto <u>il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso madesimo</u>. Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e (come nel furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte 'l esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale."**

Illi minn dan l-insenjament huwa car illi l-imputat ma kellu ebda intenzjoni rikjesta skond il-ligi sabiex jissusisti r-reat li jinstab akkuzat bih. Johrog evidenti illi l-imputat bhala "sole director" ghal diversi snin mhux biss ta' din il-kumpanija izda ta' tlett kompaniji ohra, kellu il-fakolta jaghmel kwalunkwe investiment ghal kumpaniji b'mod li ma jinkorriex telf ghal kumpanija. Illi is-self li effetivament ghamel l-imputat mill-kumpanija Astroshop Limited kienet fakolta li inghata precedentement meta kien "sole director" ghal diversi snin, fakolta illi huwa kellu l-okkazzjoni illi juza precedentement minghajr ebda reperkussjonijiet.

Illi il-fiducja li l-Holding Compnay kellha fl-imputat fir-realta intweriet <u>bl-aktar modd ampju</u> meta wara li gie a konjizzjoni taghhom dan il-kaz, Giorgio Visentini stess u personalment ghamel tajjeb ghal fondi intieri u ta' struzzjonijiet li tigi irtirata l-kwerela (ara dok RF a fol 25).

Dan certament mhuwiex agir ta' azzjonista principali inkorlat jew tradut – azzjonista illi ppropona jew ta' istruzzonijiet ghal kwerela fl-ewwel lok!

Illi in oltre mhuwiex versomili illi l-imputat japprofitta ruhu minn Lm10 000 meta kien jinnegozzja f'miljuni ta' liri u

kellu l-fiducja piena tal-Holding Company li jaghmel dan ghal diversi snin ta’ kapacita unika.

Illi apparti dana kollu, din il-Qorti tinnota illi ma gie esebit ebda prokura, jew risoluzzjoni li turi illi Craus Stefan Peters kien awtorizzat illi jistruwixxi lil Avukat tieghu biex jaghmel il-kwerela lill-pulizija.

Illi ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------